


# Il-Kodiċi ta' Kondotta Ewropea għall-Integrità tar-Riċerka

EDIZZJONI RIVEDUTA



Il-Kodiċi ta' Kondotta Ewropea għall-Integrità tar-Riċerka
Edizzjoni riveduta

Ippubblikata f'Berlin mill-
ALLEA - l-Akkademji Ewropej kollha

c/o Berlin-Brandenburg Academy of Sciences and Humanities
Jaegerstr. 22/23
10117 Berlin Il-Ġermanja

secretariat@allea.org
www.allea.org

Tqassim: Susana Irles
Stampa tal-qoxra: iStock

©ALLEA - All European Academies, Berlin 2019

Id-drittijiet kollha miżmuma. It-tqassim mill-ġdid, fosthom ta' siltiet mit-test, huwa permess għal għanijiet edukattivi, xjentifiċi u privati jekk jiġi kkwotat is-sors. Għall-użu kummerċjali jrid jintalab il-permess tal-ALLEA.

Disclaimer:

Please note that while great care was taken to ensure the accuracy of the present translation of the European Code of Conduct for Research Integrity some slight deviation in meaning may be possible. Please refer to the original English-language version of The European Code of Conduct for Research Integrity, published by ALLEA in Berlin in 2017, for the precise wording.

Acknowledgements:

ALLEA would like to thank the European Commission Translational Services for the translation as well as Adriana Giuliano (University of Malta) for an additional review on the precise research integrity language.

# Werrej


Preambolu 3

1. Prinċipji 4

2. Prattiki tajbin tar-riċerka 5

3. Ksur tal-integrità tar-riċerka 10

Anness 1: Ir-riżorsi ewlenin 14

Anness2: Il-proċess ta' reviżjoni u l-lista tal-partijiet ikkonċernati 16

Anness 3: Grupp ta' ħidma permanenti tal-ALLEA dwar ix-xjenza u l-etika 18

# Preambolu

Ir-riċerka hija t-tfittxija għall-għarfien li jinkiseb permezz ta' studju sistematiku u l-ħsieb, l-osservazzjoni u t-twettiq tal-esperimenti. Filwaqt li jista' jkun li d-dixxiplini differenti jużaw approċċi differenti, kollha kemm huma jridu jżidu l-fehim tagħna dwarna nfusna u dwar id-dinja li ngħixu fiha. Għalhekk "Il-Kodiċi ta' Kondotta Ewropea għall-Integrità tar-Riċerka" japplika għar-riċerka fl-oqsma kollha akkademiċi u xjentifiċi.

Ir-riċerka hija ħidma komuni li titwettaq f'ambjenti akkademiċi u industrijali u f'ambjenti oħrajn ukoll. Tinvolvi l-kollaborazzjoni diretta jew indiretta li ta' spiss tmur lil hinn mill-fruntieri soċjali, politiċi u kulturali. Tissejjes fuq il-libertà li jiġu ddefiniti l-mistoqsijiet tar-riċerka u jiġu żviluppati teoriji, tinġabar dejta empirika u jintużaw metodi adegwati. Għalhekk, ir-riċerka hija bbażata fuq ix-xogħol tal-komunità tar-riċerkaturi u idealment tiżviluppa indipendentement mill-pressjoni min-naħa ta' min ikun ikkummissjonaha u mill-interessi ideoloġiċi, ekonomiċi jew politiċi.

Il-komunità tar-riċerka għandha r-responsabbiltà bażika li tfassal il-prinċipji tar-riċerka, li tiddefinixxi l-kriterji tal-imġiba tajba marbuta mar-riċerka, li żżid kemm jista' jkun il-kwalità u r-robustezza fil-qasam tar-riċerka u li twieġeb b'mod adegwat għat-theddid għall-integrità tar-riċerka u għall-ksur ta' dik l-integrità. L-għan ewlieni ta' dan il-Kodiċi ta' Kondotta huwa li jgħin biex dik ir-responsabbiltà ssir realtà u li jservi ta' qafas għall-komunità tar-riċerka biex din tirregola lilha nfisha. Dan il-Kodiċi jiddeskrivi r-responsabbiltajiet professjonali, legali u etiċi u jagħraf l-importanza tal-ambjenti istituzzjonali li fihom tiġi organizzata r-riċerka. Għalhekk dan il-Kodiċi ta' Kondotta huwa rilevanti u japplika kemm għar-riċerka privata u kemm għal dik iffinanzjata mis-settur pubbliku filwaqt li jagħraf ir-restrizzjonijiet leġittimi li hemm b'rabta mal-implimentazzjoni tiegħu.

L-iżviluppi soċjali, politiċi u teknoloġiċi u l-bidliet fl-ambjent tar-riċerka jistgħu jaffettwaw l-interpretazzjoni tal-valuri u tal-prinċipji li jirregolaw ir-riċerka. Għaldaqstant, Kodiċi ta' Kondotta effettiv għall-komunità tar-riċerka huwa dokument ħaj li jiġi aġġornat b'mod regolari u li jagħti lok għal differenzi nazzjonali jew lokali fl-implimentazzjoni tiegħu. Ir-riċerkaturi, l-akkademji, l-assoċjazzjonijiet akkademiċi, l-aġenziji tal-finanzjament, l-organizzazzjonijiet pubbliċi u privati li jwettqu r-riċerka, il-pubblikaturi u korpi rilevanti oħrajn kollha għandhom responsabbiltajiet speċifiċi biex iħarsu dawn il-prattiki u l-prinċipji li fuqhom jissejsu u biex jippromwovuhom.

# 1. Prinċipji

Il-prattiki tajbin tar-riċerka jissejsu fuq il-prinċipji fundamentali tal-integrità tar-riċerka. Huma jservu ta' gwida għar-riċerkaturi f'xogħolhom, kif ukoll f'kif dawn jittrattaw l-isfidi prattiċi, etiċi u intellettwali li jiffurmaw parti integrali mir-riċerka.

Dawn il-prinċipji huma:

- ***l-affidabbiltà*** fl-iżgurar tal-kwalità tar-riċerka, riflessa fit-tfassil, fil-metodoloġija, fl-analiżi u fl-użu tar-riżorsi;

- ***l-onestà*** fl-iżvilupp, fit-twettiq, fir-reviżjoni, fir-rappurtar u fil-komunikazzjoni tar-riċerka b'mod trasparenti, ġust, sħiħ u imparzjali;

- ***ir-rispett*** għall-kollegi, għal dawk li jkunu qed jieħdu sehem fir-riċerka, għas-soċjetà, għall-ekosistemi, għall-wirt kulturali u għall-ambjent;

- ***ir-responsabbiltà*** għar-riċerka mill-idea għaliha sal-pubblikazzjoni tagħha, għall-ġestjoni u l-organizzazzjoni tagħha, għat-taħriġ, is-superviżjoni u l-mentoraġġ u għall-impatti usa' tagħha.

# 2. Prattiki tajbin tar-riċerka

Hawn taħt qed niddeskrivu l-prattiki tajbin tar-riċerka fil-kuntesti li ġejjin:

- l-ambjent tar-riċerka;
- it-taħriġ, is-superviżjoni u l-mentoraġġ;
- il-proċeduri tar-riċerka;
- is-salvagwardji;
- il-prattiki u l-ġestjoni tad-dejta;
- il-ħidma kollaborattiva;
- il-pubblikazzjoni u t-tixrid;
- ir-reviżjoni, l-evalwazzjoni u l-editjar.

## 2.1 L-ambjent tar-riċerka

- L-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet tar-riċerka jippromwovu l-għarfien dwar l-integrità tar-riċerka u jiżguraw li jkun hemm kultura prevalenti ta' integrità tar-riċerka.

- L-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet tar-riċerka jieħdu r-rwol ta' mexxejja billi jipprovdu politiki u proċeduri ċari dwar il-prattiki tajbin tar-riċerka u billi jittrattaw tajjeb u b'mod trasparenti l-ksur tagħhom.

- L-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet tar-riċerka jappoġġaw l-infrastruttura adegwata għall-ġestjoni u għall-protezzjoni tad-dejta u tal-materjal tar-riċerka fil-forom kollha tagħhom (inkluż id-dejta kwalitattiva u kwantitattiva, il-protokolli, il-proċessi, oġġetti oħrajn tar-riċerka u l-metadejta assoċjata magħhom) li huma meħtieġa għar-riproduċibbiltà, għat-traċċabbiltà u għar-responsabbiltà.

- L-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet tar-riċerka jippremjaw prattiki miftuħa u riproduċibbli ta' ingaġġar u promozzjoni tar-riċerkaturi.

## 2.2 It-taħriġ, is-superviżjoni u l-mentoraġġ

- L-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet tar-riċerka jiżguraw li r-riċerkaturi jingħataw taħriġ rigoruż fit-tfassil tar-riċerka u fil-metodoloġija u fl-analiżi tagħha.

- L-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet tar-riċerka jiżviluppaw taħriġ xieraq u adegwat dwar l-etika u l-integrità tar-riċerka sabiex jiżguraw li dawk kollha kkonċernati jkunu jafu bil-kodiċijiet u bir-regolamenti rilevanti.

- Ir-riċerkaturi kollha, minn dawk tal-inqas esperjenza sa dawk tal-iktar esperjenza, jieħdu sehem f'taħriġ dwar l-etika u l-integrità, ikunu f'liema stadju jkunu tal-karriera tagħhom.

- Ir-riċerkaturi ta' esperjenza, il-mexxejja tar-riċerka u s-superviżuri jwettqu mentoraġġ tal-membri tat-tim tagħhom u joffru gwida u taħriġ speċifiku biex tiġi żviluppata sew l-attività tar-riċerka tagħhom u biex din titfassal u tkun strutturata sew, u biex irawmu kultura ta' integrità tar-riċerka.

## 2.3 Il-proċeduri tar-riċerka

- Ir-riċerkaturi jqisu l-aħħar avvanzi fl-iżvilupp tal-ideat tar-riċerka.

- Ir-riċerkaturi jfasslu, jwettqu, janalizzaw u jiddokumentaw ir-riċerka b'attenzjoni u b'mod meqjus sew.

- Ir-riċerkaturi jużaw il-fondi tar-riċerka sewwa u b'mod kuxjenzjuż.

- Ir-riċerkaturi jippubblikaw ir-riżultati u l-interpretazzjonijiet tar-riċerka b'mod miftuħ, onest, trasparenti u preċiż, u jirrispettaw il-kunfidenzjalità tad-dejta jew tas-sejbiet meta jkollhom jagħmlu dan b'mod leġittimu.

- Ir-riċerkaturi jirrappurtaw ir-riżultati tagħhom b'mod li huwa kompatibbli mal-istandards tal-qasam tagħhom u b'mod li jkun jista' jiġi vverifikat u jiġi riprodott fejn dan ikun applikabbli.

## 2.4 Is-salvagwardji

- Ir-riċerkaturi jħarsu l-kodiċijiet u r-regolamenti rilevanti għall-qasam tagħhom.

- Ir-riċerkaturi jittrattaw b'rispett u b'attenzjoni u skont id-dispożizzjonijiet legali u etiċi s-suġġetti tar-riċerka tagħhom, kemm jekk dawn ikunu bnedmin jew annimali u kemm jekk ikunu oġġetti kulturali, bijoloġiċi, ambjentali jew fiżiċi.

- Ir-riċerkaturi jqisu kif xieraq is-saħħa, is-sikurezza u l-benesseri tal-komunità, tal-kollaboraturi u ta' nies oħrajn marbutin mar-riċerka tagħhom.

- Il-protokolli tar-riċerka jqisu d-differenzi rilevanti fl-etajiet, fis-sessi, fil-kulturi, fir-reliġjonijiet, fl-oriġini etnika u fil-klassijiet soċjali u huma attenti għalihom.

- Ir-riċerkaturi jagħrfu u jamministraw ir-riskji potenzjali u r-riskji marbutin mar-riċerka tagħhom.

## 2.5 Il-prattiki u l-ġestjoni tad-dejta

- Ir-riċerkaturi u l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet tar-riċerka jiżguraw amministrazzjoni u superviżjoni xierqa tad-dejta kollha u tal-materjal kollu tar-riċerka, inkluż id-dejta u l-materjal mhux ippubblikat, u preservazzjoni sikura tagħhom għal perjodu raġonevoli taż-żmien.

- Ir-riċerkaturi u l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet tar-riċerka jiżguraw li l-aċċess għad-dejta jkun miftuħ kemm jista' jkun u magħluq kemm hemm bżonn, u li dan ikun skont il-prinċipji FAIR għall-ġestjoni tad-dejta fejn dan ikun xieraq (jiġifieri li din tkun traċċabbli, aċċessibbli, interoperabbli u li tkun tista' tintuża mill-ġdid).

- Hemm trasparenza fost ir-riċerkaturi u l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet tar-riċerka dwar kif wieħed jista' jaċċessa u juża d-dejta u l-materjal tar-riċerka tagħhom.

- Ir-riċerkaturi u l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet tar-riċerka jagħrfu d-dejta bħala prodott tar-riċerka li huwa leġittimu u li jista' jiġi kkwotat.

- Ir-riċerkaturi u l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet tar-riċerka jiżguraw li kull kuntratt jew ftehim marbut mar-riżultati tar-riċerka jkun jinkludi dispożizzjoni ekwa u ġusta dwar il-ġestjoni tal-użu tagħhom, is-sjieda tagħhom u/jew il-protezzjoni tagħhom skont id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.

## 2.6 Il-ħidma kollaborattiva

- Is-sħab kollha fil-kollaborazzjonijiet tar-riċerka huma responsabbli għall-integrità tar-riċerka.

- Is-sħab kollha fil-kollaborazzjonijiet tar-riċerka jaqblu mill-bidu nett dwar l-għanijiet tar-riċerka u dwar il-proċess biex jikkomunikaw dwar ir-riċerka tagħhom bl-iktar mod trasparenti u miftuħ possibbli.

- Is-sħab kollha jaqblu b'mod formali, malli jibdew jikkollaboraw flimkien, dwar l-aspettattivi u l-istandards marbutin mal-integrità tar-riċerka, dwar il-liġijiet u r-regolamenti li se japplikaw għal xogħolhom, dwar il-ħarsien tal-proprjetà intellettwali tal-kollaboraturi u dwar il-proċeduri biex jiġu ttrattati l-kunflitti u l-każijiet li jista' jkun hemm ta' mġiba ħażina.

- Is-sħab kollha fil-kollaborazzjonijiet tar-riċerka jiġu infurmati sew u kkonsultati dwar is-sottomissjonijiet tar-riżultati tar-riċerka għall-pubblikazzjoni.

## 2.7 Il-pubblikazzjoni u t-tixrid

- L-awturi kollha huma responsabbli bis-sħiħ għall-kontenut ta' pubblikazzjoni, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

- L-awturi kollha jaqblu dwar is-sekwenza tal-awturi u jagħrfu li, biex wieħed jitqies li huwa awtur ta' pubblikazzjoni, irid ikun ta kontribut sinifikanti għat-tfassil tar-riċerka, għall-ġbir tad-dejta rilevanti jew għall-analiżi jew għall-interpretazzjoni tar-riżultati.

- L-awturi jiżguraw li xogħolhom jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-kollegi tagħhom fil-ħin u b'mod miftuħ, preċiż u trasparenti, sakemm ma jkunx sar ftehim mod ieħor, u huma jikkomunikaw b'mod onest mal-pubbliku inġenerali u fuq il-mezzi tax-xandir tradizzjonali u l-midja soċjali.

- L-awturi jagħrfu x-xogħol importanti u l-kontributi intellettwali ta' ħaddieħor, fosthom tal-kollaboraturi, tal-assistenti u ta' dawk li jkunu pprovdew il-fondi, li jkunu influwenzaw ir-riċerka rrappurtata kif xieraq, u huma jikkwotaw kif suppost ix-xogħlijiet relatati.

- L-awturi kollha jiżvelaw kull kunflitt ta' interess li jista' jkollhom u kull appoġġ finanzjarju jew tip ta' appoġġ ieħor li jkunu ngħataw għar-riċerka jew għall-pubblikazzjoni tar-riżultati tagħha.

- L-awturi u l-pubblikaturi joħorġu korrezzjonijiet jew jirtiraw xogħolhom jekk ikun hemm bżonn skont proċessi li huma ċari, u jagħtu r-raġunijiet għal dan, u l-awturi jingħataw rikonoxximent talli joħorġu l-korrezzjonijiet mingħajr dewmien wara l-pubblikazzjoni.

- L-awturi u l-pubblikaturi jqisu r-riżultati negattivi bħala riżultati li huma validi daqs is-sejbiet pożittivi għall-finijiet tal-pubblikazzjoni u tat-tixrid.

- Ir-riċerkaturi jużaw l-istess kriterji spjegati fid-dettall hawn fuq kemm jekk jippubblikaw ir-riżultati tar-riċerka tagħhom f'ġurnal b'abbonament u kemm jekk jippubblikawhom f'ġurnal b'aċċess miftuħ jew b'xi mod alternattiv ieħor ta' pubblikazzjoni.

## 2.8 Ir-reviżjoni, l-evalwazzjoni u l-editjar

- Ir-riċerkaturi jieħdu bis-serjetà l-impenn tagħhom lejn il-komunità tar-riċerka billi jieħdu sehem fl-għoti ta' rakkomandazzjonijiet, fir-reviżjonijiet u fl-evalwazzjonijiet.

- Ir-riċerkaturi jirrevedu u jevalwaw is-sottomissjonijiet għall-pubblikazzjoni, il-finanzjament, il-ħatra, il-promozzjoni jew l-ippremjar b'mod trasparenti u li jista' jiġi ġġustifikat.

- Ir-reviżuri jew l-edituri li jkollhom kunflitt ta' interess joħorġu mill-involviment f'deċiżjonijiet dwar il-pubblikazzjoni, il-finanzjament, il-ħatra, il-promozzjoni jew l-ippremjar.

- Ir-reviżuri jħarsu l-kunfidenzjalità sakemm l-iżvelar ma jkunx ġie approvat minn qabel.

- Ir-reviżuri u l-edituri jħarsu d-drittijiet tal-awturi u tal-applikanti u jitolbu permess qabel ma jużaw l-ideat, id-dejta jew l-interpretazzjonijiet ippreżentati.

# 3. Ksur tal-integrità tar-riċerka

Huwa importanti ferm li r-riċerkaturi jkunu jafu sew l-għarfien, il-metodoloġiji u l-prattiki etiċi marbutin mal-qasam tagħhom. Jekk ir-riċerkaturi ma jżommux mal-prattiki tajbin tar-riċerka jkunu qed imorru kontra r-responsabbiltajiet professjonali tagħhom. Dan jagħmel ħsara lill-proċessi tar-riċerka, jimmina r-relazzjonijiet fost ir-riċerkaturi, jimmina l-fiduċja fir-riċerka u l-kredibbiltà tagħha, iwassal għal ħela tar-riżorsi u jista' jesponi lis-suġġetti tar-riċerka, lill-utenti, lis-soċjetà jew lill-ambjent għal ħsara bla bżonn.

## 3.1 Imġiba ħażina marbuta mar-riċerka u prattiki oħrajn li mhumiex aċċettabbli

Tradizzjonalment, l-imġiba ħażina marbuta mar-riċerka hija ddefinita bħala l-ivvintar, il-falsifikazzjoni jew il-plaġjariżmu meta wieħed ikun qed jipproponi, iwettaq jew jirrevedi r-riċerka jew meta wieħed ikun qed jirrapporta r-riżultati tar-riċerka (l-hekk imsejħa "kategorizzazzjoni FFP"):

- ***L-ivvintar*** iseħħ meta dak li jkun jivvinta r-riżultati u jirreġistrahom daqslikieku kienu reali.

- ***Il-falsifikazzjoni*** sseħħ meta dak li jkun jimmanipula l-materjal, it-tagħmir jew il-proċessi tar-riċerka jew jibdel, iħalli barra jew iżomm milli tixxerred id-dejta jew ir-riżultati mingħajr ġustifikazzjoni.

- ***Il-plaġjariżmu*** jseħħ meta dak li jkun juża x-xogħol u l-ideat ta' ħaddieħor mingħajr ma jirrikonoxxi sew is-sors oriġinali tagħhom u b'hekk jikser id-drittijiet tal-awtur jew tal-awturi oriġinali marbutin mar-riżultati intellettwali tagħhom.

Dawn it-tliet forom ta' ksur huma meqjusin bħala gravi ħafna minħabba li jgħawġu r-reġistri tar-riċerka. Jeżistu tipi oħrajn ta' ksur tal-prattiki tajbin tar-riċerka li jagħmlu ħsara lill-integrità tal-proċess tar-riċerka jew lill-integrità tar-riċerkaturi. Minbarra l-ksur dirett tal-prattiki tajbin tar-riċerka stabbiliti f'dan il-Kodiċi ta' Kondotta, xi eżempji oħrajn ta' prattiki li mhumiex aċċettabbli jinkludu dawn li ġejjin, iżda mhumiex ristretti għalihom:

- meta wieħed jimmanipula min huma l-awturi jew imaqdar ir-rwol ta' riċerkaturi oħrajn fil-pubblikazzjonijiet;

- meta wieħed jippubblika mill-ġdid partijiet sostantivi minn pubblikazzjonijiet preċedenti tiegħu stess, inklużi t-traduzzjonijiet, mingħajr ma jikkwota d-dokument oriġinali ("l-awtoplaġjariżmu");

- meta wieħed jikkwota b'mod selettiv sabiex itejjeb il-konklużjonijiet tiegħu stess jew sabiex jikkuntenta lill-edituri, lir-reviżuri jew lill-kollegi tiegħu;

- meta wieħed ma jippubblikax ir-riżultati tar-riċerka;

- meta wieħed iħalli lil min ikun qed jiffinanzja jew jisponsorja r-riċerka jipperikola l-indipendenza tal-proċess tar-riċerka jew tar-rappurtar tar-riżultati biex idaħħal preġudizzju jew ixerrdu;

- meta wieħed jespandi bla bżonn il-biblijografija ta' studju;.

- meta wieħed jakkuża lil xi riċerkatur b'imġiba ħażina jew bi ksur ieħor b'mod malizzjuż;

- meta wieħed jirrapporta ħażin il-kisbiet tar-riċerka;

- meta wieħed jesaġera dwar l-importanza tas-sejbiet u dwar kemm dawn jistgħu jiġu applikati fil-prattika;

- o meta wieħed joħloq dewmien fix-xogħol ta' riċerkaturi oħrajn jew ixekklu b'mod mhux xieraq;

- o meta wieħed jabbuża mill-pożizzjoni ta' esperjenza tiegħu biex iħeġġeġ il-ksur tal-integrità tar-riċerka;

- o meta wieħed jinjora l-ksur preżunt tal-integrità tar-riċerka minn ħaddieħor jew meta wieħed jgħatti t-tweġibiet mhux xierqa tal-istituzzjonijiet għall-imġiba ħażina jew għal xi tip ta' ksur ieħor;

- o meta wieħed jistabbilixxi jew jappoġġa ġurnali li jimminaw il-kontroll tal-kwalità tar-riċerka ("ġurnali predatorji").

Fl-iktar forom serji tagħhom, għandhom ikunu jistgħu jiġu imposti sanzjonijiet fuq il-prattiki li mhumiex aċċettabbli, iżda tal-inqas għandu jsir kull sforz biex dawn jiġu evitati, biex jiġu skuraġġuti u biex jitwaqqfu billi jkun hemm taħriġ, superviżjoni u mentoraġġ u billi jiġi żviluppat ambjent tar-riċerka pożittiv u li jkun ta' appoġġ.

## 3.2 It-trattament tal-ksur u tal-allegazzjonijiet ta' mġiba ħażina

Il-linji gwida nazzjonali jew istituzzjonali jvarjaw fil-mod kif il-ksur tal-prattiki tajbin tar-riċerka jew l-allegazzjonijiet ta' mġiba ħażina jiġu ttrattati f'pajjiżi differenti. Madankollu, huwa dejjem fl-interess tas-soċjetà u tal-komunità tar-riċerka li l-ksur jiġi ttrattat b'mod konsistenti u trasparenti. Il-prinċipji li ġejjin iridu jiddaħħlu fi kwalunkwe proċess ta' investigazzjoni

## L-integrità

- L-investigazzjonijiet huma ġusti u komprensivi u jitwettqu b'mod effiċjenti u bil ħeffa, mingħajr ma jiġu mhedda l-preċiżjoni, l-oġġettività u r-reqqa li bihom isiru.

- Il-partijiet involuti fil-proċedura jiddikjaraw kull kunflitt ta' interess li jista' jinqala' matul l-investigazzjoni.

- Jittieħdu miżuri biex jiġi żgurat li l-investigazzjonijiet jitwettqu sa ma tintlaħaq konklużjoni.

- Il-proċeduri jitwettqu b'mod kunfidenzjali sabiex jitħarsu dawk li jkunu involuti fl-investigazzjoni.

- L-istituzzjonijiet jipproteġu d-drittijiet tal-informaturi waqt l-investigazzjonijiet u jiżguraw li ma jiġux ipperikolati l-prospetti tagħhom b'rabta mal-karriera tagħhom.

- Il-proċeduri ġenerali biex jiġi ttrattat il-ksur tal-prattiki tajbin tar-riċerka jinsabu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku u huma aċċessibbli għal kulħadd biex ikun żgurat li dawn ikunu trasparenti u uniformi.

## Il-ġustizzja

- L-investigazzjonijiet jitwettqu bi proċess ġust u b'mod li jkun ġust għall-partijiet kollha.

- Il-persuni li jkunu qed jiġu akkużati bi mġiba ħażina marbuta mar-riċerka jingħataw id-dettalji kollha tal-allegazzjonijiet kontrihom u jitħallew ikollhom proċess ġust biex iwieġbu għall-allegazzjonijiet u biex jippreżentaw l-evidenza tagħhom.

- Tittieħed azzjoni kontra l-persuni li dwarhom l-allegazzjoni ta' mġiba ħażina tinstab li hija vera, u din l-azzjoni tkun proporzjonata mal-gravità tal-ksur.

- Tittieħed azzjoni restorattiva xierqa meta r-riċerkaturi jiġu eżonerati mill-allegazzjoni ta' mġiba ħażina.

- Kull min ikun akkużat bi mġiba ħażina marbuta mar-riċerka jitqies li huwa innoċenti sakemm ma jiġix ippruvat mod ieħor.

# Anness 1: Ir-riżorsi ewlenin


All European Academies (2013). "Ethics Education in Science". Statement by the ALLEA Permanent Working Group on Science and Ethics.
www.allea.org/wp-content/uploads/2015/07/Statement_Ethics_Edu_web_final_2013_10_10.pdf [Dokument aċċessat fl-14 ta' Marzu 2017 ]

AllTrials: Trials Registration and Reporting Platform.
http://www.alltrials.net/find -out-more/ [Sit web aċċessat fl-14 ta' Marzu 2017]

American Association for the Advancement of Science (2017). The Brussels Declaration: Ethics and Principles for Science & Society Policy-Making.
http://www.sci-com.eu/main/docs/Brussels-Declaration.pdf?58b6e4b4 [Dokument aċċessat fl-14 ta' Marzu 2017].

Committee on Publication Ethics COPE. Guidelines.
http://publicationethics.org/resources/guidelines [Sit web aċċessat fl-14 ta' Marzu 2017]

Data Citation Synthesis Group, Martone M. (red.) (2014). Joint Declaration of Data Citation Principles. San Diego, CA: FORCE11.
https://www.force11.org/group/joint-declaration-data-citation-principles-final [Sit web aċċessat fl-14 ta' Marzu 2017]

EQUATOR Network: Reporting Guidelines to enhance the quality and transparency of health research.
https://www.equator-network.org/ [Sit web aċċessat fit-13 ta' Marzu 2017]

EUDAT. Collaborative Data Infrastructure: Guidelines on data management.
https://eudat.eu/data-management [Sit web aċċessat fil-15 ta' Jannar 2017]

InterAcademy Partnership (2016). "Doing Global Science: A Guide to Responsible Conduct in the Global Research Enterprise". Princeton University Press.
http://interacademycouncil.net/24026/29429.aspx [Sit web aċċessat fil-15 ta' Jannar 2017]

International Committee of Medical Journal Editors. Defining the Role of Authors and Contributors.
http://www.icmje.org/recommendations/browse/roles-and-responsibilities/defining-the-role-of-authors-and-contributors.html [Sit web aċċessat fil-15 ta' Jannar 2017]

L-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (l-OECD) ul-Global Science Forum (2007). Best Practices for Ensuring Scientific Integrity and Preventing Misconduct. http://www.oecd.org/science/inno/40188303.pdf [Dokument aċċessat fil-15 ta' Jannar 2017]

Research Data Alliance RDA (2016). RDA/WDS Publishing Data Workflows WG Recommendations.
http://dx.doi.org/10.15497/RDA00004 [Sit web aċċessat fil-15 ta' Jannar 2017]

Research Data Alliance RDA (2016). Data Description Registry Interoperability WG Recommendations.
http://dx.doi.org/10.15497/RDA00003 [Sit web aċċessat fil-15 ta' Jannar 2017]

UK Academy of Medical Sciences (2015). Perspective on 'Conflicts of Interest'.
https://acmedsci.ac.uk/file-download/41514-572ca1ddd6cca.pdf [Dokument aċċessat fit-13 ta' Marzu 2017]

Wilkinson, MD et al. (2016). The FAIR Guiding Principles for scientific data management and stewardship, Scientific Data 3:160018 doi: 10.1038/sdata.2016.18
http://www.nature.com/articles/sdata201618 [Sit web aċċessat fil-15 ta' Jannar 2017]

World Conference on Research Integrity WCRI (2013). Montreal Statement on Research Integrity in Cross-Boundary Research Collaborations.
https://wcrif.org/documents/354-montreal-statement-english/file [Dokument aċċessat fil-5 ta' Jannar 2017]

World Conference on Research Integrity WCRI (2010). Singapore Statement on Research Integrity.
https://wcrif.org/documents/327-singapore-statement-a4size/file [Sit web aċċessat fil-15 ta' Jannar 2017]

# Anness 2: Il-proċess ta' reviżjoni u l-lista tal-partijiet ikkonċernati

## Il-proċess ta' reviżjoni

Dan id-dokument huwa bbażat fuq "Il-Kodiċi ta' Kondotta Ewropea għall-Integrità tar-Riċerka" li żviluppaw l-Akkademji Ewropej kollha (l-ALLEA) u l-Fondazzjoni Ewropea tax-Xjenza (l-ESF) fl-2011. Dan huwa dokument ħaj li se jiġi eżaminat mill-ġdid kull tliet sa ħames snin u li se jiġi rivedut skont il-bżonn sabiex jitqies it-tħassib li jkun qed jiżviluppa, sabiex dan ikun jista' jkompli jservi ta' qafas għall-komunità tar-riċerka b'rabta mal-prattiki tajbin tar-riċerka.

L-affarijiet li ġejjin, fost oħrajn, kienu r-raġunijiet għal din ir-reviżjoni: ix-xenarji regolatorji u ta' finanzjament tar-riċerka Ewropej; ir-responsabbiltajiet istituzzjonali; il-komunikazzjoni xjentifika; il-proċeduri ta' reviżjoni; il-pubblikazzjoni b'aċċess miftuħ; l-użu ta' repożitorji; u l-użu tal-midja soċjali u l-involviment taċ-ċittadini fir-riċerka. Ir-reviżjoni, li nbdiet mill-Grupp ta' ħidma permanenti tal-ALLEA dwar ix-xjenza u l-etika, kienet tinkludi konsultazzjoni estensiva mal-partijiet ikkonċernati ewlenin involuti fir-riċerka Ewropea, kemm mis-settur pubbliku u kemm mis-settur privat, sabiex ikun żgurat sens ta' sjieda kondiviża.

## Lista tal-partijiet ikkonċernati

L-organizzazzjonijiet multilaterali tal-partijiet ikkonċernati li bagħtu l-kummenti bil-miktub* u/jew li ħadu sehem fil-laqgħa ta' konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati li saret fi Brussell f'Novembru tal-2016+:

- BusinessEurope*+
- Centre for European Policy Studies (CEPS)*
- Committee on Publication Ethics (COPE)*+
- Conference on European Schools for Advanced Engineering Education and Research (CESAER)*+
- DIGITALEUROPE*+
- EU-LIFE*+
- European Association of the Molecular and Chemical Sciences (EUCHEMS)*+
- European Association of Research and Technology Organisations (EARTO)*+
- European Citizen Science Association (ECSA)*
- European Network of Research Integrity Offices (ENRIO)*+
- European University Association (EUA)*+
- Euroscience*+
- FoodDrinkEurope*+
- Global Young Academy (GYA)*+
- Il-Kummissjoni Ewropea *+
- League of European Research Universities (LERU)*+
- Open Access Infrastructure for Research in Europe (OpenAIRE)*+
- Open Access Scholarly Publishers Association (OASPA)+
- Sense about Science*
- Science Europe*+
- Young European Associated Researchers (YEAR)*+
- Young European Research Universities Network (YERUN)*+

# Anness 3: Il-Grupp ta' ħidma permanenti tal-ALLEA dwar ix-xjenza u l-etika

Il-Grupp ta' ħidma permanenti tal-ALLEA dwar ix-xjenza u l-etika (il-PWGSE) jittratta firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet, kemm "interni" (marbutin mal-komunità xjentifika) u kemm "esterni" (marbutin mar-relazzjoni bejn ix-xjenza u s-soċjetà). Minħabba li l-kunsiderazzjonijiet etiċi kienu jiffurmaw parti essenzjali mill-konsolidament ta' Ewropa magħquda, kif ukoll mill-ħolqien tal-ALLEA, il-PWGSE twaqqaf biex jiġbor flimkien esperti mill-akkademji minn madwar l-Ewropa u jipprovdilhom pjattaforma fejn jistgħu jwettqu dibattitu kontinwu dwar l-etika fir-riċerka u l-integrità tar-riċerka.

F'dawn l-aħħar snin, il-PWGSE kompla jestendi l-kapaċitajiet u l-attivitajiet tiegħu sabiex iwettaq kif xieraq il-missjoni tiegħu ta' deliberazzjoni kollettiva dwar suġġetti bħall-integrità tar-riċerka, l-edukazzjoni dwar l-etika fit-taħriġ dwar ix-xjenza u r-riċerka, l-etika fil-pariri dwar il-politika fil-qasam tax-xjenza, il-fiduċja fix-xjenza, l-imġiba ħażina marbuta max-xjenza u l-plaġjariżmu, fost l-oħrajn.

Kwistjonijiet oħrajn li dan il-Grupp ittratta dan l-aħħar jinkludu l-użu doppju tal-eżiti tar-riċerka, l-aspetti etiċi tar-riskji, ix-xjenza u d-drittijiet tal-bniedem, l-appoġġ għall-edukazzjoni għolja u għar-riċerka fil-Palestina, ir-riċerka dwar l-embrijuni umani, il-bijoloġija sintetika u n-nanoteknoloġiji. Barra minn hekk, il-grupp jipprovdi għarfien espert lill-proġett tal-ENERI (in-Netwerk Ewropew tal-Etika fir-Riċerka u tal-Integrità tar-Riċerka), li huwa ffinanzjat mill-Programm Orizzont 2020 u li għandu l-għan li jħarreġ esperti fi kwistjonijiet marbutin mal-etika u li jarmonizza l-infrastrutturi għall-integrità tar-riċerka fl-Ewropa.

Il-PWGSE jiltaqa' b'mod regolari u organizza wkoll laqgħat tematiċi f'ambjenti usa', is-soltu bi sħubija ma' organizzazzjonijiet rilevanti oħrajn bħall-Kummissjoni Ewropea, il-Fondazzjoni Ewropea tax-Xjenza (l-ESF), il-Kunsill Internazzjonali għax-Xjenza (l-ICSU) u l-UNESCO, fost l-oħrajn. Il-membri tal-PWGSE użaw in-netwerk wiesa' tiegħu ta' esperti u istituzzjonijiet biex iwettqu b'suċċess il-proċess ta' reviżjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta Ewropea għall-Integrità tar-Riċerka.

## Il-membri tal-Grupp ta' ħidma permanenti tal-ALLEA dwar ix-xjenza u l-etika

Göran Hermerén (il-President) – Kungliga Vitterhetsakademien
Maura Hiney – Royal Irish Academy, President tal-Grupp tal-abbozzar
László Fésüs – Hungarian Academy of Sciences, l-Grupp tal-abbozzar
Roger Pfister – Swiss Academies of Arts and Sciences, l-Grupp tal-abbozzar
Els Van Damme – Royal Academy of Sciences, l-Grupp tal-abbozzar
Martin van Hees – Royal Netherlands Academy of Arts and Sciences, l-Grupp tal-abbozzar
Krista Varantola – Council of Finnish Academies, l-Grupp tal-abbozzar
Anna Benaki – Academy of Athens (fil-Greċja)
Anne Fagot-Largeault – Académie des Sciences (fi Franza)
Ludger Honnefelder – Union of the German Academies of Sciences and Humanities
Bertil Emrah Oder – Bilim Akademisi (l-Akkademja tax-Xjenza, fit-Turkija)
Martyn Pickersgill – Royal Society of Edinburgh (fir-Renju Unit)
Pere Puigdomenech – Royal Academy of Sciences and Arts of Barcelona / Institute for Catalan Studies (fi Spanja)
Kirsti Strøm Bull – Det Norske Videnskaps-Akademi
Zbigniew Szawarski – Polish Academy of Sciences
Raivo Uibo – Estonian Academy of Sciences

Appoġġ lill-PWGSE u lill-Grupp tal-abbozzar: Robert Vogt (mis-Segretarjat tal-ALLEA)

L-ALLEA – l-Akkademji Ewropej kollha

L-ALLEA, li hija l-Federazzjoni Ewropea tal-Akkademji tax-Xjenza u tal-Istudji Umanistiċi, twaqqfet fl-1994 u bħalissa tiġbor flimkien 59 Akkademja minn iktar minn 40 pajjiż mir-reġjun tal-Kunsill tal-Ewropa. L-Akkademji Membri huma assoċjazzjonijiet akkademiċi, gruppi ta' riflessjoni u organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka. Huma komunitajiet awtonomi ta' mexxejja tar-riċerka akkademika fl-oqsma kollha tax-xjenzi naturali, tax-xjenzi soċjali u tal-istudji umanistiċi. Għalhekk l-ALLEA tipprovdi aċċess għal riżorsi umani uniċi ta' eċċellenza intellettwali, esperjenza u għarfien espert.

Ix-xogħol tal-politika tal-ALLEA, li huwa indipendenti mill-interessi politiċi, kummerċjali u ideoloġiċi, jfittex li jikkontribwixxi għat-titjib tal-kundizzjonijiet tal-qafas li bihom tkun tista' tintlaħaq l-eċċellenza fix-xjenza u fil-boroż tal-istudju. Flimkien mal-Akkademji Membri tagħha, l-ALLEA qiegħda f'pożizzjoni li tittratta l-firxa sħiħa ta' kwistjonijiet politiċi u strutturali li l-Ewropa qed tħabbat wiċċha magħhom fl-oqsma tax-xjenza, tar-riċerka u tal-innovazzjoni. Hija u tagħmel dan, hija timxi mal-fehim komuni ta' Ewropa marbuta flimkien b'fatturi storiċi, soċjali u politiċi kif ukoll minħabba raġunijiet ekonomiċi u xjentifiċi.

www.allea.org

**L-akkademji membri**

**L-Albanija:** Akademia e Shkencave e Shqipërisë; **L-Armenja:** Գիտությունների ազգային ակադեմիա; **L-Awstrija:** Österreichische Akademie der Wissenschaften; **Il-Belarussja:** Нацыянальная акадэмія навук Беларусі; **Il-Belġju:** Académie Royale des Sciences des Lettres et des Beaux-Arts de Belgique; Koninklijke Vlaamse Academie van Belgie voor Wetenschappen en Kunsten; Koninklijke Academie voor Nederlandse Taal- en Letterkunde; Académie Royale de langue et de literature francaises de Belgique; **Il-Bożnija-Ħerzegovina:** Akademija nauka i umjetnosti Bosne i Hercegovine; **Il-Bulgarija** Българска академия на науките; **Il-Kroazja:** Hrvatska Akademija Znanosti i Umjetnosti; **Ir-Repubblika Ċeka:** Akademie věd České republiky; Učená společnost České republiky; **Id-Danimarka:** Kongelige Danske Videnskabernes Selskab; **L-Estonja:** Eesti Teaduste Akadeemia; **Il-Finlandja:** Tiedeakatemiain neuvottelukunta; **Franza:** Académie des Sciences - Institut de France; Académie des Inscriptions et Belles-Lettres; **Il-Georgia:** საქართველოს მეცნიერებათა ეროვნული აკადემია; **Il-Ġermanja:** Leopoldina - Nationale Akademie der Wissenschaften; Union der deutschen Akademien der Wissenschaften; Akademie der Wissenschaften in Göttingen, Akademie der Wissenschaften und der Literatur Mainz, Bayerische Akademie der Wissenschaften, Berlin-Brandenburgische Akademie der Wissenschaften, Akademie der Wissenschaften in Hamburg, Heidelberger Akademie der Wissenschaften, Nordrhein-Westfälische Akademie der Wissenschaften und der Künste, Sächsische Akademie der Wissenschaften zu Leipzig (Membri assoċjati); **Il-Ġreċja:** Ακαδημία Αθηνών; **L-Ungerija:** Magyar Tudományos Akadémia; **L-Irlanda:** The Royal Irish Academy - Acadamh Ríoga na hÉireann; **Iżrael:** האקדמיה הלאומית הישראלית למדעים; **L-Italja:** Accademia Nazionale dei Lincei; Istituto Veneto di Scienze, Lettere ed Arti; Accademia delle Scienze di Torino; **Il-Kosovo:** Akademia e Shkencave dhe e Arteve e Kosovës; **Il-Latvja:** Latvijas Zinātņu akadēmija; **Il-Litwanja**: Lietuvos mokslų akademijos; **Il-Maċedonja:** Македонска Академија на Науките и Уметностите; **Il-Moldova:** Academia de Ştiinţe a Moldovei; **Il-Montenegro:** Crnogorska akademija nauka i umjetnosti; **l-Olanda:** Koninklijke Nederlandse Akademie van Wetenschappen; **In-Norveġja:** Det Norske Videnskaps-Akademi; Det Kongelige Norske Videnskabers Selskab; **Il-Polonja:** Polska Akademia Umiejętności; Polska Akademia Nauk; **; Il-Portugall**: Academia das Ciências de Lisboa; **Ir-Rumanija:** Academia Română; **Ir-Russja:** Российская академия наук (Membru assoċjat); **Is-Serbja:** Srpska Akademija Nauka i Umetnosti; **Is-Slovakkja:** Slovenská Akadémia Vied; **Is-Slovenja:** Slovenska akademija znanosti in umetnosti; **Spanja:** Real Academia de Ciencias Exactas, Físicas y Naturales; Reial Acadèmia de Ciències i Arts de Barcelona; Institut d'Estudis Catalans; **L-Iżvezja:** Kungl. Vetenskapsakademien; Kungl. Vitterhets Historie och Antikvitets Akademien; **L-Iżvizzera:** Akademien der Wissenschaften Schweiz; **It-Turkija:** Türkiye Bilimler Akademisi; Bilim Akademisi; **L-Ukrajna**: Національна академія наук України; **Ir-Renju Unit:** The British Academy; The Learned Society of Wales; The Royal Society; The Royal Society of Edinburgh.




ALLEA
ALL European
Academies